Ipassoj u jmiwr mnejn ġie.
Meta tfittxerw,
Ma ssibiwx
Jekk issibiw,
Xejn ma jiswe
Jekk tmiss mieghew
Jitkerċeh!
ġwenhejh idendel
u ftejt wara,
imiwt

Dok...
Ghasfowr
Tal-bnazzoj biss
l-enqes il-liġej
ma ttojk li taqbdow,
hamġawwa żżommow
u trabbojh!
Dok,
Ruhaj,
Ma fihx xi trabboj!

***Baruni K.Vella Haber***

---

## Lill-Irġiel Miżżewġa

Biex tinhabb mal-mara sewwa,
Hemm bżonn taghmel bosta ħwejjeġ,
Tkellem magħha wisq bil-ħlewwa,
Mill-ġurnata stess li ttejjeġ.
Jekk ikollok xi tgħid magħha,
Ftakar dejjem, raġun tiha
Ghax ma ssibx irkaptu tagħha,
U jkollok x'titħabat biha.
Ghandek toqghod b'ghajn miftuħa,
Li tfahħrilha kulma ssajjar;
Jekk ikun jaghti fl-imluħa,
Ghid l'hu helu, qatt titghajjar.
Indokra mis-snin tkabbarha,
Daqs tmien snin dejjem naqsilha;
Ftakar tajjeb illi ċl mara
Fis-snin l-aktar li tfixkilha.
Qis lil niesha dejjem tfahhar,
Biex sabiħ tarak quddiemha,
Tibża' xejn, urajk tissahhar,
helu mieghek ikun kliemha.
Dejjem maqdar lin-nies tieghek,
Sew lil ħutek, sew lil ommok.
Inkella teħodha mieghek,
Ma thallikx biss tiftaħ fommok.



Hwejjeġ dawna ġa ppruvati,
tant mill-fqar kemm mis-sinjuri.
Nies ir-raġel dejjem stmati
Mas-saqajr, bhala sefturi.
Tibqa' dina bħal tifkira,
'L irġiel kollha miżżewġin,
biex b'imhabba iżjed kbira
dawna jkunu maħbubin.

***Ġanni A. Cilia***

(1935: din il-poeżija qatt ma xxandret qabel; tahielna t-tifel ta' Ġanni Cilia, flimkien ma' farsa li nxandru f'harġa oħra ta' *Il-Malti*)

---

## Meta Hamlet u l-Fjuri Eterni Jiltaqgħu

dal-fjuri eterni li jwarrdu sobrija
llum bkew fis-skiet
u dahlu f'qoxrithom bir-reżħa tal-lejl
imtappan bis-sirda mnikkta ta'
frar
u l-lejl kien ċar ħafna
kważi kjaru-skur
fejn l-ispirtu divin ta' hamlet
jiġġerra bla paċi
għal dak li kien tiegħu
dar-raġel qalbieni
eroj
dar-raġel qalbieni
sultan
dar-raġel qalbieni
ghandu qalbu tal-kwiekeb
u ħarstu tax-xemx
jiġġerra fit-toroq ġodda bit-tarmak
fl-isqaqien taż-żonqor u s-siment
fil-vjal twil twil taht qamar biċċa felli
u kwiekeb...
mill-qalba tal-lejl profond u kobalt
toħroġ dija misterjuża
kull meta l-bniedem jitgħallem jghożż
l-gherf
u jsib it-toroq ġodda